

## P7\_TA(2010)0413

### Ftehim UE-Gvern tal-Faeroes dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika \*\*\*

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, li jassoċja l-Gżejjer Faeroe mas-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għall-Attivitajiet ta' Riċerka, ta' Żvilupp Teknoloġiku u ta' Dimostrazzjoni (2007-2013) (11365/2010 – C7-0184/2010 – 2009/0160(NLE))**

#### (Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11365/2010),
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, li jassoċja l-Gżejjer Faeroe mas-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għall-Attivitajiet ta' Riċerka, ta' Żvilupp Teknoloġiku u ta' Dimostrazzjoni (2007-2013) (05475/2010),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 186 u l-Artikoli 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), punt (v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0184/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 81, 90(8) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0303/2010),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Gżejjer Faeroe.